▼**M10**

KAPITOLU 31

**MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD- DĦUL FL-UNJONI TA' MOLLUSKI BIVALVI ĦAJJIN, TA' EKINODERMI, TA' TUNIKATI, TA' GASTEROPODI TAL-BAĦAR U TA' PRODOTTI TA' ORIĠINI MILL-ANNIMALI MINN DAWN L-ANNIMALI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM (MUDELL MOL-HC)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **PAJJIŻ** | | | **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE** | |
| **Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna** | **I.1** **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż | Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.2** **Referenza taċ-ċertifikat** | **I.2a** **Referenza tal-IMSOC** |
| | | | **I.3** **Awtorità Kompetenti Ċentrali** | **KODIĊI QR** |
| | | | **I.4** **Awtorità Kompetenti Lokali** | |
| | **I.5** **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż | Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.6** **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż | Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.7** **Pajjiż tal-oriġini** | Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.9** **Pajjiż tad-destinazzjoni** | Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.8** **Reġjun tal-oriġini** | Kodiċi | **I.10** **Reġjun tad-destinazzjoni** | Kodiċi |
| | **I.11** **Post tad-dispaċċ**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż | Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Kodiċi ISO tal-pajjiż | **I.12** **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż | Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.13** **Post tat-tagħbija** | | **I.14** **Data u ħin tat-tluq** | |
| | **I.15** **Mezz tat-trasport**<br>☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment<br>☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | | **I.16** **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** | |
| | | | **I.17** **Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip<br>Pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali | Kodiċi<br>Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| | **I.18** **Kundizzjonijiet tat-trasport** | ☐ Ambjentali | ☐ Imkessħa | ☐ Iffriżati |
| | **I.19** **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur | | Nru tas-siġill | |

▼M10

| I.20 | Iċċertifikat bhala jew għal | | |
|---|---|---|---|
| ☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem | ☐ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem | ☐ Ċentru tad-dispaċċ | ☐ Ipproċessar ulterjuri |

| I.21 ☐ Għat-tranżitu | | I.22 ☐ Għas-suq intern |
|---|---|---|
| Pajjiż terz | Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.23 |

| I.24 Għadd totali ta' pakketti | I.25 Kwantità totali | I.26 Piż nett/piż gross totali (kg) |
|---|---|---|

| I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Kodiċi NM Speċi | Maħżen kiesaħ | Marka ta' identifikazzjoni | Tip ta' imballaġġ | Piż nett |
| ☐ Konsumatur finali | Tip ta' trattament<br>Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Natura tal-komodità<br>Impjant tal-manifattura | Għadd ta' pakketti | Nru tal-lott |

▼M10

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a Referenza taċ-ċertifikat | II.b Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|

**II.1.** [(1)]**Attestazzjoni tas-saħħa pubblika** [Għandha tithassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-molluski bivalvi ħajjin, tal-ekinodermi, tal-tunikati, tal-gasteropodi tal-baħar u ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawn l-annimali]

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (J), tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (K), tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (L) u tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (M) u b'dan niċċertifika li [(4)][il-molluski bivalvi ħajjin] [(4)][l-ekinodermi ħajjin] [(4)][it-tunikati ħajjin] [(4)][il-gasteropodi tal-baħar ħajjin] [(4)][il-prodotti tal-oriġini mill-annimali derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gasteropodi tal-baħar ħajjin] deskritti fil-Parti I ġew prodotti f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari li:

(a) inkisbu f'reġjun(i) jew f'pajjiż(i) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huwa/huma awtorizzat(i) għad-dħul fl-Unjoni ta' [(4)][molluski bivalvi ħajjin] [(4)][ekinodermi ħajjin] [(4)][tunikati ħajjin] [(4)][gasteropodi tal-baħar ħajjin] [(4)][prodotti ta' oriġini mill-annimali derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gasteropodi marini ħajjin], u elenkati fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 (N);

(b) ġejjin minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment approvat mill-Unjoni;

(c) inħasdu, u fejn meħtieġ ingħaddew u ġew trasportati f'konformità mat-Taqsima VII, il-Kapitoli I u II tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(d) [(4)][ġew immaniġġati, u fejn meħtieġ ġew ippurifikati u mballati f'konformità mat-Taqsima VII, il-Kapitoli III u IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(e) [(4)][thejjew, ġew ipproċessati, ffriżati, u tħallew jinħallu iġjenikament f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima VIII, il-Kapitoli III u IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004]];

(f) jissodisfaw l-istandards tas-saħħa stipulati fit-Taqsima VII, il-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, [(4)][it-Taqsima VIII, il-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004] u l-kriterji stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 (O);

(g) ġew imballati, inħażnu u ġew trasportati f'konformità [(4)] mat-[Taqsima VII, il-Kapitoli VI u VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004] [(4)] [Taqsima VIII, il-Kapitoli VI, VII u VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004];

(h) ġew immarkati u ttikkettati f'konformità [(4)] mat-[Taqsima I tal-Anness II u mat-Taqsima VII, il-Kapitolu VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004] [(4)] [Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004];

---

(J) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

(K) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

(L) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

(M) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

(N) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).

(O) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

▼M10

(i) fil-każ tal-Pectinidae, tal-gasteropodi tal-baħar u tal-ekinodermi li mhumiex organiżmi filtraturi maħsuda barra miż-żoni ta' produzzjoni klassifikati, dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fit-Taqsima VII, il-Kapitolu IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(j) ġejjin minn żona tal-produzzjoni kklassifikata f'konformità mal-Artikolu 52 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 (P) bħala [A] [B] jew [C] fil-mument tal-ħsad tagħhom (*jekk jogħġbok indika l-klassifikazzjoni taż-żona tal-produzzjoni fil-mument tal-ħsad*) (ħlief għall-Pectinidae, għall-gasteropodi tal-baħar u għall-ekinodermi li mhumiex organiżmi filtraturi, li jinħasdu barra miż-żoni tal-produzzjoni kklassifikati);

(k) ikunu għaddew b'mod sodisfaċenti mill-kontrolli uffiċjali stipulati [4][fl-Artikoli 51 sa 66 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 jew fl-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 (Q)] [4][fl-Artikoli 69, 70 u 71 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627];

(l) jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom, jekk joriġinaw mill-akkwakultura, ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (R), u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE (S) għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat;

(m) ġew prodotti taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (T), u mal-livelli massimi għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 (U).

[2][II.2. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-molluski bivalvi [3]tal-ispeċijiet elenkati maħsuba għall-konsum mill-bniedem u għal prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk il-molluski li jkunu maħsuba għal ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni qabel il-konsum mill-bniedem, esklużi l-molluski selvaġġi u l-prodotti tagħhom li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd**

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li:

II.2.1. Skont informazzjoni uffiċjali, [4][l-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] [4][il-prodotti ta' oriġini mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I, inkisbu minn annimali li] jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li ġejjin:

II.2.1.1. joriġinaw minn [4][stabbiliment] [4][ħabitat] li mhux soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet relatati mas-saħħa tal-annimali jew minħabba l-okkorrenza ta' mortalità anormali b'kawża mhux determinata, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 (V) u l-mard emerġenti;

(P) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

(Q) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 tat-8 ta' Frar 2019 rigward ir-regoli speċifiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni tal-laħam u għaż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski bivalvi ħajjin skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 1).

(R) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

(S) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

(T) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

(U) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

(V) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

▼M10

II.2.1.2. [4][l-annimali akkwatiċi mhumiex maħsuba biex jinqatlu] [4][il-prodotti tal-oriġini minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, inkisbu minn annimali li ma kinux maħsuba biex jinqatlu] skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat relevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

[4][II.2.2. [4][l-annimali tal-akkwakultura msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4)[il-prodotti tal-oriġini mill-annimali tal-akkwakultura għajr l-annimali ħajjin tal-akkwakultura msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I, inkisbu minn annimali li] jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

II.2.2.1. ġejjin minn stabbiliment tal-akkwakultura li huwa [4][reġistrat] [4][approvat] mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju tal-oriġini, u fil-kontroll tagħha, u li għandu sistema fis-seħħ biex imantni u jżomm għal perjodu ta' mill-anqas 3 snin rekords aġġornati li jkun fihom informazzjoni dwar:

(i) l-ispeċijiet, il-kategoriji u n-numru ta' annimali tal-akkwakultura miżmuma fl-istabbiliment;

(ii) il-movimenti tal-annimali akkwatiċi lejn l-istabbiliment, u tal-annimali tal-akkwakultura barra mill-istabbiliment;

(iii) il-mortalità fl-istabbiliment;

II.2.2.2. ġejjin minn stabbiliment tal-akkwakultura li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment.]

**II.2.3. Rekwiżiti ġenerali dwar is-saħħa tal-annimali**

[4][L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] [4][Il-prodotti tal-oriġini mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I inkisbu minn annimali li] jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li ġejjin:

[4][6][II.2.3.1. huma soġġetti għar-rekwiżiti msemmija fil-Parti II.2.4 u joriġinaw minn [4][pajjiż] [4][territorju], [4][żona] [4][kompartiment] [5]bil-kodiċi: __ __ - __ li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, huwa/hija elenkat(a) fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([W]) għad-dħul fl-Unjoni ta' dawk [4][l-annimali akkwatiċi] [4][il-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin];]

[4][6][II.2.3.2. ikunu annimali akkwatiċi li għaddew minn spezzjoni klinika minn veterinarju uffiċjali fi żmien 72 siegħa qabel il-ħin tat-tagħbija għad-dispaċċ lejn l-Unjoni. Waqt l-ispezzjoni, l-annimali ma wrew l-ebda sinjal ta' mard li jittieħed u, skont ir-rekords rilevanti tal-istabbiliment, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' problemi ta' mard;]

II.2.3.3. huma annimali akkwatiċi li jintbagħtu direttament mill-post tal-oriġini lejn l-Unjoni;

II.2.3.4. ma kinux f'kuntatt ma' annimali akkwatiċi bi status tas-saħħa inferjuri.

([W]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

▼**M10**

*jew*(4)(6)**[II.2.4.** **Rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa**

(4) [II.2.4.1. **Rekwiżiti (3)għall-ispeċijiet elenkati għall-infezzjoni bil-Mikrocytos mackini jew għall-infezzjoni bil-Perkinsus marinus**

(4)[L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4)[Il-prodotti li joriġinaw mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn (4)[pajjiż] (4)[territorju] (4)[żona] (4)[kompartiment] iddikjarat(a) ħieles/ħielsa minn (4)[Infezzjoni bil-Mikrocytos mackini] (4)[Infezzjoni bil-Perkinsus marinus] f'konformità mal-kundizzjonijiet li huma tal-anqas stringenti daqs dawk stabbiliti fl-Artikolu 66 jew fl-Artikolu 73(1) u fl-Artikolu 73(2), il-punt (a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 (X) u fil-każ tal-annimali akkwatiċi, l-ispeċijiet elenkati(3) kollha għall-mard relevanti:

(i) huma introdotti minn pajjiż, territorju, żona jew kompartiment ieħor iddikjarat ħieles mill-istess mard;

(ii) ma tlaqqmux kontra (4) [dik il-marda] (4) [dak il-mard].]

(4)(7) [II.2.4.2. **Rekwiżiti (3)għall-ispeċijiet elenkati għall-infezzjoni bil-Marteilia refringens, l-infezzjoni bil-Bonamia exitiosa jew l-infezzjoni bil-Bonamia ostreae**

(4)[L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4)[Il-prodotti li joriġinaw mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I, inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn (4)[pajjiż] (4)[territorju] (4)[żona] (4)[kompartiment] iddikjarat(a) ħieles/ħielsa minn (4)[infezzjoni bil-Marteilia refringens] (4)[infezzjoni bil-Bonamia exitiosa] (4)[infezzjoni bil-Bonamia ostreae] f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u fil-każ tal-annimali akkwatiċi, l-ispeċijiet elenkati(3) kollha għall-mard relevanti:

— huma introdotti minn pajjiż, territorju, żona jew kompartiment ieħor iddikjarat ħieles mill-istess mard;

— ma tlaqqmux kontra (4) [dik il-marda] (4) [dak il-mard].]

(4)(8) [II.2.4.3. **Rekwiżiti (9)għall-ispeċijiet suxxettibbli għall-infezzjoni bil-Virus tal-erpete tal-gajdri 1 μvar (OsHV-1 μvar)**

(4)[L-annimali akkwatiċi msemmijin fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4)[Il-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin imsemmijin fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn (4)[pajjiż] (4)[territorju] (4)[żona] (4)[kompartiment] li jissodisfa l-garanziji tas-saħħa fir-rigward ta' OsHV-1 μvar li huma meħtieġa għall-konformità mal-miżuri nazzjonali li japplikaw fl-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikolu 175 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, u li għalihom l-Istat Membru jew parti minnu huwa elenkat (4)[fl-Anness I] (4)[fl-Anness II] tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 (Y).]]

*jew* (4)(6)**[II.2.4.** **Rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa**

(4)[L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4)[Il-prodotti ta' oriġini minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] nkisbu minn annimali li huma ddestinati għal stabbiliment tal-ikel akkwatiku għall-kontroll tal-mard fl-Unjoni li huwa approvat f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 (Z), fejn għandhom jiġu pproċessati għall-konsum mill-bniedem.]

---

(X) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

(Y) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 tal-11 ta' Frar 2021 li tapprova miżuri nazzjonali mfassla biex jillimitaw l-impatt ta' ċertu mard ta' annimali akkwatiċi f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE (ĠU L 59, 19.2. 2021, p. 1).

(Z) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għal stabbilimenti tal-akkwakultura u trasportaturi ta' annimali akkwatiċi (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 345).

▼M10

II.2.5. Sa fejn naf jien, u kif iddikjarat mill-operatur, (4)[l-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4)[il-prodotti li joriġinaw minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn (4)[stabbiliment] (4)[ħabitat] fejn:

(i) ma kien hemm l-ebda mortalità anormali b'kawża indeterminata; u

(ii) l-annimali ma ġewx f'kuntatt ma' annimali akkwatiċi (3)tal-ispeċijiet elenkati li ma kinux konformi mar-rekwiżiti msemmija fil-punt II.2.1.

**II.2.6. Rekwiżiti tat-trasport**

Saru arranġamenti biex l-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I jiġu trasportati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 167 u 168 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u b'mod speċifiku li:

II.2.6.1. meta l-annimali jiġu trasportati fl-ilma, l-ilma ma jinbidilx f'pajjiż terz jew f'territorju, f'żona jew f'kompartiment li mhumiex elenkati għad-dħul fl-Unjoni tal-ispeċi u tal-kategorija partikolari ta' annimali akkwatiċi;

II.2.6.2. l-annimali ma jiġux trasportati f'kundizzjonijiet li jipperikolaw l-istatus tas-saħħa tagħhom, b'mod partikolari:

(i) meta l-annimali jiġu trasportati fl-ilma, dan l-ilma ma jbiddilx l-istatus tas-saħħa tagħhom;

(ii) il-mezz tat-trasport u l-konterituri jridu jkunu nbnew b'mod li l-istatus tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi ma jiġix ipperikolat waqt it-trasport;

(iii) (4)[il-kontenitur] (4)[id-dgħajsa barrada] (4)[ma ntuża(t) qatt] (4)[huwa/hija mnaddaf/fa qabel u diżinfettat(a), f'konformità ma' protokoll u bi prodotti approvati mill-awtorità kompetenti (4)[tal-pajjiż terz] (4)[tat-territorju] tal-oriġini, qabel it-tagħbija għad-dispaċċ lejn l-Unjoni];

II.2.6.3. mill-ħin tat-tagħbija fl-istabbiliment ta' oriġini sal-ħin tal-wasla fl-Unjoni, l-annimali fil-konsenja ma jiġux trasportati fl-istess ilma jew (4)[f'kontenitur] (4)[f'dgħajsa barrada] flimkien ma' annimali akkwatiċi li għandhom status tas-saħħa inferjuri jew li mhumiex maħsuba għad-dħul fl-Unjoni;

II.2.6.4. fejn ikun meħtieġ li jinbidel l-ilma f'(4)[pajjiż] (4)[territorju] (4)[żona] (4)[kompartiment] li huwa/hija elenkat(a) għad-dħul tal-ispeċi u tal-kategorija partikolari ta' annimali akkwatiċi fl-Unjoni, dan iseħħ biss (4)[fil-każ ta' trasport fuq l-art, fil-punti ta' bdil tal-ilma approvati mill-awtorità kompetenti (4) [tal-pajjiż terz] (4)[tat-territorju] fejn jinbidel l-ilma] (4)[fil-każ ta' trasport b'dgħajsa barrada, f'distanza ta' mill-inqas 10 km minn kwalunkwe stabbiliment tal-akkwakultura li jinsab fir-rotta bejn il-post ta' oriġini u l-post ta' destinazzjoni fl-Unjoni].

**II.2.7. Rekwiżiti tat-tikkettar**

Saru arranġamenti għall-identifikazzjoni u għat-tikkettar tal-(4)[mezz tat-trasport] (4)[konterituri] f'konformità mal-Artikolu 169 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u speċifikament li:

II.2.7.1. il-kunsinna tkun identifikata minn (4)[tikketta li tinqara u li tidher fuq in-naħa ta' barra tal-kontenitur] (4)[entrata fil-manifest tal-bastimenti meta tiġi trasportata b'dgħajsa barrada] li torbot il-kunsinna b'mod ċar ma' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali;

(4)[II.2.7.2. fil-każ ta' annimali akkwatiċi ħajjin, it-tikketta li tinqara u li tidher imsemmija fil-punt II.2.7.1. fiha:

(a) dettalji dwar l-għadd ta' konterituri fil-kunsinna;

(b) l-isem tal-ispeċi preżenti f'kull kontenitur;

▼**M10**

(c) dettalji dwar l-għadd ta' annimali f'kull kontenitur għal kull waħda mill-ispeċijiet preżenti;
(d) id-dikjarazzjoni li ġejja: "molluski ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem fl-Unjoni Ewropea";]

[4][II.2.7.3. fil-każ ta' prodotti tal-oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, it-tikketta li tinqara u li tidher imsemmija fil-punt II.2.7.1. fiha mill-anqas id-dikjarazzjoni li ġejja: "molluski ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem, wara l-ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea".]

[4] [10] **II.2.8. Validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali**

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jkun validu għal perjodu ta' 10 ijiem mid-data tal-ħruġ. Fil-każ ta' trasport tal-annimali akkwatiċi bil-passaġġi fuq l-ilma/bil-baħar, dan il-perjodu ta' 10 ijiem jista' jiġi estiż bid-durata tal-vjaġġ fuq il-passaġġi fuq l-ilma/fuq il-baħar.

**Noti**

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' molluski bivalvi ħajjin u prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk l-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tat-tali molluski bivalvi ħajjin u l-prodotti tagħhom.

"Annimali akkwatiċi" huma annimali kif definiti fl-Artikolu 4, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([AA]). "Annimali tal-akkwakultura" huma annimali akkwatiċi soġġetti għall-akkwakultura kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2016/429.

"Ipproċessar ulterjuri" tfisser kwalunkwe tip ta' miżuri u tekniki mwettqa qabel it-tqegħid fis-suq għall-konsum mill-bniedem, li jaffettwaw is-sħuħija anatomika, bħall-iżvinar, l-evixxerazzjoni, it-tneħħija tar-ras, it-tfettit u l-iffilettjar, li jipproduċu skart jew prodotti sekondarji u li jistgħu jikkawżaw riskju għat-tixrid ta' mard.

L-annimali akkwatiċi kollha u l-prodotti kollha ta' oriġini minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, li għalihom tapplika l-Parti II.2.4. ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, iridu joriġinaw minn pajjiż/territorju/żona/kompartiment li jidher/tidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Il-Parti II.2.4. taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali **ma għandhiex tapplika** għall-annimali akkwatiċi li ġejjin, u għalhekk jistgħu joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun tiegħu, li huwa elenkat fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405:

(a) molluski li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li ma jkunux jistgħu jibqgħu ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent akkwatiku;
(b) molluski li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem mingħajr ipproċessar ulterjuri, dment li jkunu imballati għall-bejgħ bl-imnut f'konformità mar-rekwiżiti għat-tali pakketti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004,
(c) molluski li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li huma maħsuba għall-ipproċessar ulterjuri mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

([AA]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali)(ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

▼**M10**

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.8: Reġjun tal-oriġini: indika ż-żona tal-produzzjoni u l-klassifikazzjoni tagħha fil-mument tal-ħsad, ħlief għall-Pectinidae, għall-gasteropodi tal-baħar u għall-ekinodermi li jinħasdu barra miż-żoni tal-produzzjoni kklassifikati.

**Parti II:**

(1) Il-Parti II.1 ma għandhiex tapplika għall-pajjiżi b'rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika speċjali stipulati fi ftehimiet ta' ekwivalenza jew leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

(2) Il-Parti II.2. ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali ma għandhiex tapplika u trid titħassar meta l-kunsinna tkun tikkonsisti minn: (a) speċijiet għajr dawk elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([AB]); jew (b) annimali akkwatiċi selvaġġi u prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk l-annimali akkwatiċi li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd għall-konsum dirett mill-bniedem; jew (c) prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi, għajr annimali akkwatiċi ħajjin, li huma lesti għall-konsum dirett mill-bniedem mingħajr ma jgħaddu minn ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni.

(3) L-ispeċijiet elenkati fil-kolonni 3 u 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882. L-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 għandhom jitqiesu biss bħala vetturi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 171 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) Żomm kif xieraq/ħassar jekk mhux applikabbli. Fil-każ tal-Parti II.2.4.1, it-tħassir mhuwiex permess jekk il-kunsinna jkun fiha speċijiet elenkati għall-Infezzjoni bil-Mikrocytos mackini jew għall-Infezzjoni bil-Perkinsus marinus, għajr fiċ-ċirkostanzi msemmija fin-Nota f'qiegħ il-paġna (6).

(5) Il-kodiċi tal-pajjiż terz/tat-territorju/taż-żona/tal-kompartiment kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(6) Il-Partijiet II.2.3.1, II.2.3.2. u II.2.4. ma għandhomx japplikaw u jridu jitħassru jekk il-kunsinna jkun fiha biss l-annimali akkwatiċi li ġejjin:

(a) molluski li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li ma jkunux jistgħu jibqgħu ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent akkwatiku,

(b) molluski li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem mingħajr ipproċessar ulterjuri, dment li jkunu imballati għall-bejgħ bl-imnut f'konformità mar-rekwiżiti għat-tali pakketti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(c) molluski li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li huma maħsuba għall-ipproċessar ulterjuri mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar.

(7) Applikabbli biss meta l-Istat Membru/iż-żona/il-kompartiment tad-destinazzjoni fl-Unjoni jkollu jew status ta' ħieles mill-mard għal marda tal-kategorija C kif iddefinit fl-Artikolu 1, il-punt (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, jew ikun soġġett għal programm ta' eradikazzjoni mhux obbligatorju stabbilit f'konformità mal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) 2016/429, inkella ħassar.

---

([AB]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

▼M10

(8) Applikabbli meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni fl-Unjoni jew parti minnu, jkollu miżuri nazzjonali approvati għal marda speċifika kif elenkat fl-Anness I jew fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260, inkella ħassar.

(9) L-ispeċijiet suxxettibbli kif imsemmija fit-tieni kolonna tat-tabella fl-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260.

(10) Għandu japplika biss għall-kunsinni ta' annimali akkwatiċi ħajjin.

(11) għall-iffirmar minn:
— veterinarju uffiċjali meta ma tithassarx il-Parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali,
— uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni jew veterinarju uffiċjali meta tithassar il-Parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali.

**[Veterinarju uffiċjali]**[4][11]**/ [Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni]**[4][11]

Isem (b'ittri kbar)

| | |
|---|---|
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |